**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Johan Cefai**

Numru: 251/2018

Illum 20 ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Johan Cefai,** iben Joseph u Maria Gloria xebba Parnis, imwieled nhar il-24 ta' Awwissu 1998 fir-Rabat, Ghawdex, residenti gewwa l-fond 'Linnet', Triq Patri Guzepp Portelli, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27298(G), akkuzat talli nhar is-17.03.2017 ghall-habta ta' 04:30 ta' filghaxija u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed fl-inhawi maghrufa ta' Trunciera, limiti tal-Qala, Ghawdex:

1. waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew prova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) ta' L.S 549.42;

2. U aktar talli ha jew prova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti mingħajr  ma kellu fil-pussess tiegħu liċenza valida skont ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenza u f'kull liġi oħra bi ksur ta' Reg 12(1) u t-tielet proviso ta' Reg 27(3) ta' LS 549.42;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolament dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L.S 549.242) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) L.S 549.42;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' Regolament (7)(1)(e) tal-L.S 549.42;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew prova jiehu xi ghasfur billi uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' regolament 7 ta'  regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi u cioe' l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel t'ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(d) tal-L.S 549.42;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' regolament 27(2)(b) tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi tordna l-konfiska tal-corpus delicti u r-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Il-Qorti tinnota li din il-kawza giet differita ghal-lum fuq talba li ghamel ilbierah waqt is-seduta l-Ufficcjal Prosekutur u ghal darba ohra Fiona Burrows u x-xhieda l-ohra li suppost raw lill-imputat jonsob regghu ma gewx illum.

Rat illi l-Prosekuzzjoni esebiet kopja ta' e-mail li ntbaghtet ilbierah lil Fiona Burrows li qed tigi markata bhala Dok 'BS'.

Semghet il-provi;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk qed taghlaq il-provi taghha;

Semghet lill-imputat Johan Cefai jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lid-difiza tiddikjara li m'ghandiex aktar provi xi tressaq.

Semghet sottomissjonijiet finali.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Prim Imhallef Emeritu Silvio Camilleri fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Axiak" fejn ta linja gwida ta' kif ghandha tkun identifikata l-persuna li allegatament tkun qieghda twettaq illegalitajiet marbuta mad-delizzju tal-insib. Din il-Qorti kif komposta tabbraccja din il-linja gwida u timxi maghha.

Rigward ix-xhud Fiona Burrows, rapprezentant tal-CABS din il-Qorti terga' taghmilha cara ghal darba ohra li fid-decizjonijiet taghha hadd ma jiddettalha kemm kif tmexxi s-seduti u kif ukoll meta tappuntahom u l-hin taghhom. Huwa att irresponsabbli u ta' disprezz lejn il-Qrati taghna illi xi hadd jipprova bl-influenza tieghu mal-awtoritajiet Maltin fosthom l-Ufficcju tal-Avukat Generali u l-Pulizija li ma jhallix lil dawn il-Qrati jahdmu f'serenita' u jiddeciedu skont il-provi li jkollhom quddiemhom skont il-principji tal-gustizzja fi zmien ragjonevoli. Din il-Qorti ma hi se ccedi ghall-ebda pressjoni nkluz ghal stqarrijiet li jsiru biex min jiktibhom jintimida lil din il-Qorti kif sar mill-CABS meta gew attakkati d-decizjonijiet ta' din il-Qorti fejn ghazlet illi l-pieni jkunu dawk li tipprovdi ghalihom il-ligi, izda jkunu attwati bi proporzjonalita'. Il-Qorti taghmel dan b'gustizzja u b'kuxjenza.

Il-Pulizja ghandhom jithallew jaghmlu xogholhom, li dawn jaghmluh b'mod rett u bil-kapacitajiet li ghandhom u m'ghandu jkun hemm l-ebda ndhil u intimidazzjoni fil-hidma taghhom kif qed isir f'dawn il-kazijiet li hafna drabi qed ikunu mposti fuqhom ordnijiet minn barranin li jigu f'pajjizna li minhabba li jaghmlu hafna hoss ikollhom jagixxu ghax inkella jkunu mbiccra fil-media.

Illi l-kawzi jkunu decizi fl-awli u la fil-media u lanqas fit-toroq taghna. Hekk titlob ir-'rule of law' li dan il-pajjiz jghozz.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikoli 637 u 638 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti kellha c-cans tisma' x-xhieda tal-imputat Johan Cefai illi kemm bil-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda kif ukoll mill-provi prodotti, din il-Qorti m'ghandiex dubju minn dak li stqarr u ghalhekk qieghda temmen ix-xhieda tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Johan Cefai hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**